Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 3 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**10953/26**

**LIMITE**

**ECOFIN 878**
**UEM 297**
***ECB***
***EIB***

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv fil-Bulgarija |

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv fil-Bulgarija**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126 TFUE, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv mirfud minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir u impjiegi sostenibbli.

(3) Fi [data], il-Kunsill iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 126(6) TFUE, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fil-Bulgarija minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit[1].

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [DATA] dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Bulgarija (ĠU L, [ĠU: daħħal ir-referenza f'din in-nota f'qiegħ il-paġna]).



PUBLIC

(4) L-Artikolu 126(7) TFUE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[2] jirrikjedu li l-Kunsill jadotta rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'perjodu stabbilit. F'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97, dik ir-rakkomandazzjoni sservi wkoll biex tiġi stabbilita skadenza massima ta' sitt xhur għal azzjoni effettiva li għandha tittieħed mill-Istat Membru kkonċernat biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv, li tista' titnaqqas għal tliet xhur meta jkun iġġustifikat mis-serjetà tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill għandu jirrakkomanda lill-Istat Membru jimplimenta perkors tan-nefqa netta[3] korrettiv, li jiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) sal-iskadenza stabbilita f'dik ir-rakkomandazzjoni. Meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tkun infetħet fuq il-bażi tal-kriterju tad-defiċit, il-perkors tan-nefqa netta korrettiv għandu, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97,ijkun konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni jaqbeż il-valur referenzjarju. Il-Kummissjoni tista', matul perjodu ta' tranżizzjoni fl-2025, fl-2026 u fl-2027, taġġusta l-parametru referenzjarju biex tqis iż-żieda fin-nefqa fuq l-imgħax meta tkun qed tistabbilixxi l-perkors korrettiv propost tan-nefqa netta għal dawk is-snin, filwaqt li titqies il-Premessa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264. Fejn meħtieġ, il-perkors korrettiv għandu jkun ibbażat fuq projezzjonijiet aġġornati prodotti mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija għall-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn. L-Istat Membru kkonċernat jista' jindika lill-Kummissjoni kwistjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li huwa jqis rilevanti għall-istabbiliment tal-perkors korrettiv.

PUBLIC

---

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30) kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 April 2024 (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024).

3 Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

(5) Il-PDG reali fil-Bulgarija kiber b'3,1 % fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, l-ekonomija hija mistennija li tikber b' 2.5 % fl-2026, bis-saħħa ta' tkabbir kontinwu fil-komponenti tad-domanda domestika. Fl-2027, l-istess muturi huma mistennija li jappoġġaw it-tkabbir tal-PDG reali ta' 2,2 %. Ir-rata tal-qgħad mistennija tilħaq 3,7 % fl-2026 u 3,9 % fl-2027. Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija li tiżdied minn 3,5 % fl-2025 għal 4,2 % fl-2026, u li tilħaq it-2,6 % fl-2027.

(6) Skont id-data pprovduta mill-Eurostat fit-22 ta' April 2026[4], fl-2025 id-deficit tal-gvern estiż fil-Bulgarija laħaq 3,5 % tal-PDG. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta deficit tal-gvern estiż ta' 4,1 % tal-PDG fl-2026 u ta' 4,3 % tal-PDG fl-2027, u b'hekk baqa' ogħla mill-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni[5], dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal rata ta' tkabbir tan-nefqa netta ta' 12,3 % fl-2025 u 5,5 % fl-2026. Id-deficit strutturali huwa pprojettat għal 4,1 % fl-2026 u mistenni jibqa' l-istess livell fl-2027.

(7) Fi tmiem l-2025, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 29,9 % tal-PDG. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, huwa pprojettat li jiżdied għal 32,3 % tal-PDG fi tmiem l-2026 u 35,5 % tal-PDG fi tmiem l-2027, u b'hekk baqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG.

PUBLIC

[4] L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' April 2026. Ara: https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-22042026-ap.

[5] Tabelli Statistiċi Fiskali li jipprovdu data ta' sfond rilevanti għall-valutazzjoni tal-politiki baġitarji tal-Istati Membri, SWD(2026) 200 final, Brussell, 3.6.2026.

(8) Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva f'din ir-rakkomandazzjoni, li jistabbilixxi rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta, huwa konsistenti ma' aġġustamenti strutturali annwali minimi, jew aġġustamenti primarji strutturali, ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 u l-Premessa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264. Abbażi tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi mit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva f'din ir-rakkomandazzjoni jikkorrispondi għal aġġustament fil-bilanċ primarju strutturali ta' 0,3 punti perċentwali fl-2026 u ta' 0,6 punti perċentwali fl-2027. Għall-2028 u l-2029, li huwa lil hinn mill-perjodu li matulu l-Kummissjoni tista' tqis iż-żieda fin-nefqa fuq l-imgħax, il-perkors korrettiv jikkorrispondi għal aġġustament annwali fil-bilanċ strutturali ta' 0,5 u 0,6 punti perċentwali, rispettivament. Filwaqt li l-perkors tan-nefqa netta korrettiva fl-2026 jimplika aġġustament strutturali ta' inqas minn 0,5 punti perċentwali tal-PDG, meta jitqies li l-formazzjoni tardiva tal-gvern dewmet l-adozzjoni ta' baġit, dan huwa kkumpensat mill-aġġustament ogħla fis-snin li jifdal.

(9) Il-perkors tan-nefqa netta korrettiv stabbilit f'dik ir-rakkomandazzjoni jieħu post ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta stabbiliti fil-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tal-Bulgarija[6].

(10) Abbażi tal-perkors tan-nefqa netta korrettiv stabbilit f'din ir-rakkomandazzjoni, u abbażi tal-qafas ta' projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni, u t-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-gvern estiż huwa projettat li jonqos minn 3,5 % tal-PDG fl-2025 għal 2,9 % sal-2029.

[6] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Bulgarija (ĠU C, C/2025/3700, 20.8.2025, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/3700/oj).

(11) Abbażi tal-perkors tan-nefqa netta korrettiv f'din ir-rakkomandazzjoni, il-qafas ta' proġettazzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni, u t-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, l-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż ikompli jiżdied minn 29,9 % fi tmiem l-2025 għal 38,3 % fi tmiem l-2029, filwaqt li jibqa' ferm inqas mis-60 % valur referenzjarju tal-PDG.

(12) Il-konformità mal-perkors tan-nefqa netta korrettiva f'din ir-rakkomandazzjoni jenħtieġ li tiżgura korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv; miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jenħtieġ li jkunu mmirati lejn it-titjib tal-kwalità u l-għamla tal-finanzi pubbliċi, filwaqt li jippresenrvaw l-investiment u jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija. Ir-riformi ta' natura fiskali u ekonomika usa' għandhom itejbu l-potenzjal tat-tkabbir u tar-reżiljenza tal-ekonomija b'mod sostenibbli, u jappoġġjaw is-sostenibbiltà fiskali.

(13) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni[7] li tippermetti lill-Bulgarija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rrakkomandati mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C/2025/3700, għall-perjodu 2025-2028.

---

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti lill-Bulgarija tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali), (ĠU C, C/2025/3961, 20.8.2025, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/3961/oj).

(14) Il-flessibbiltà pprovduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali jenħtieġ li titqies ukoll fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, u meta jiġi vvalutat jekk il-Bulgarija tkunx ħadet azzjoni effettiva. Għalhekk, sal-2028, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva stabbilit f'din ir-rakkomandazzjoni huwa kkomplementat mill-flessibbiltà li hija permessa miż-żieda fin-nefqa fid-difiża[8] skont il-klawżola liberatorja nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li s-sostenibbiltà fiskali ma tiġix ipperikolata, jenħtieġ li din ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi l-flessibbiltà massima, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025. Għal dak l-għan, il-flessibbiltà massima ġenerali skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv jenħtieġ li tkun limitata għall-flessibbiltà li ma tkunx intużat matul il-perjodu ta' qabel il-perkors tan-nefqa netta f'din ir-rakkomandazzjoni.

(15) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni[9], il-Bulgarija qabżet ir-rata massima kumulattiva ta' tkabbir fin-nefqa netta għall-2025 irrakkomandata mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2025, bi 2,1 % tal-PDG. Din id-devjazzjoni titnaqqas għal 1,4 % tal-PDG meta titqies il-flessibbiltà permessa mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025, li tikkorrispondi għal użu tal-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali ta' 0,6 % tal-PDG. Għalhekk, hija biss il-parti taż-żieda fin-nefqa fid-difiża bħala perċentwal tal-PDG mis-sena ta' referenza 2024 li hija ogħla minn 0,6 punti perċentwali li hija eliġibbli għall-għoti ta' flessibbiltà fl-2026 sal-2028. Barra minn hekk, il-flessibbiltà massima disponibbli f'dak il-perjodu jenħtieġ li titnaqqas minn 1,5 % tal-PDG għal 0,9 % tal-PDG.

(16) F'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, deċiżjoni tal-Kunsill biex titħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tittieħed biss skont l-Artikolu 126(12) TFUE meta d-defiċit ikun tniżżel taħt il-valur referenzjarjuta' 3 % tal-PDG u jkun ipprojettat mill-Kummissjoni li jibqa' hekk fis-sena attwali u dik ta' wara.

---

[8] Nefqa fid-difiża ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif definita fil-Klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG02).

[9] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2026) 200, "Fiscal statistical tables providing background data relevant for the assessment of the budget policies of the Member States", 3.6.2026.



PUBLIC

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

1. Il-Bulgarija jenħtieġ li tiżgura li r-rati ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta ma jaqbżux il-massimi stabbiliti fl-Anness.

2. Għaldaqstant, il-Bulgarija jenħtieġ li ttemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2029.

3. Il-Kunsill jistabbilixxi l-iskadenza tal-15 ta' Ottubru 2026 biex il-Bulgarija tieħu azzjoni effettiva u tippreżenta l-miżuri meħtieġa flimkien mal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2027, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 473/2013[10]. Minn hemm 'il quddiem, il-Bulgarija jenħtieġ li tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni mill-inqas kull sitt xhur, fir-rebbiegħa fil-kuntest tar-rapport ta' progress annwali tagħha sat-30 ta' April, u fil-ħarifa fl-abbozz ta' pjan baġitarju sal-15 ta' Ottubru, sakemm id-defiċit eċċessiv ikun ġie kkoreġut.

4. Sal-2028, il-Bulgarija titħalla taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-punt 1 ta' din ir-rakkomandazzjoni, sal-punt li n-nefqa netta li taqbeż dawn ir-rati massimi ta' tkabbir ma tkunx aktar mill-minimu ta':

   a) il-parti taż-żieda fin-nefqa fid-difiża f'perċentwal tal-PDG mill-2024 li hija ogħla minn 0,6 punti perċentwali tal-PDG; u

   b) l-flessibbiltà massima permessa li jifdal ta' 0.9 fil-mija tal-PDG.

5. Fis-snin wara l-2028, il-Bulgarija taf xorta tista' titħalla taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta, kif stabbiliti mill-punt 1, sa fejn in-nefqa netta li taqbeż dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tkun relatata mal-konsenji ta' tagħmir militari kkuntrattat qabel tmiem l-2028 u tibqa' fil-limitu massimu kumplessiv imsemmi fil-punt 4.

---

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/473/oj).

PUBLIC

6. Sabiex tiġi żgurata reġistrazzjoni korretta tan-nefqa addizzjonali, il-Bulgarija għandha tinkludi data attwali u ppjanata dwar in-nefqa totali fid-difiża (id-diviżjoni 02 tal-COFOG), inkluż l-investiment fid-difiża (id-diviżjoni 02 P.51 tal-COFOG) u kwalunkwe nefqa li għandha tiġi ffinanzjata mis-self SAFE li mhix koperta fil-COFOG-02:

għas-snin T-4, T-3, T-2 u T-1 (bis-sena T tkun is-sena kurrenti), fir-rapportar lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009[11];

- għas-snin 2021 sas-sena T (is-sena kurrenti), fil-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali fuq terminu medju u fir-rapporti ta' progress annwali f'konformità mal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 15, u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1263;

- għas-snin T (is-sena attwali) u T+1 fl-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1-9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/479/2014-09-01).



PUBLIC

**ANNESS**

**Rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta (rati ta' tkabbir annwali u kumulattivi, f'termini nominali)**

**Bulgarija**

| Snin | | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rati ta' tkabbir (%) | Kull sena | 4.2 | 3.4 | 3.4 | 3.2 |
| | Kumulattivi* | 4.2 | 7.7 | 11.4 | 15.0 |

---

* Ir-rati ta' tkabbir kumulattiv huma kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2025.



PUBLIC